Minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 38, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 17 ta' Gunju 2014, fil-5.00 pm.

1. **Prezenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.)<br>Stephen Caruana ( S.C.) |
| Assenti | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Sotto-Kumitat Zghazagh, Kultura u Sports
6. Gabbani ghall-festa 2014
7. Lista ta' works orders/purchase orders
8. Lista ta' petty Cash
9. Approvazzjoni ta' hlasijiet
10. Affarijiet ohra
11. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

38/01 **Qari tal-Minuti**

38/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 37, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

38/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Stephen Caruana il-minuti gew unanimament approvati

38/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bhala dokument korrett.

**38/02** **<u>*Arisings* mill-Minuti</u>**

38/02/01 Ma kienx hemm.

**38/03** **<u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

38/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi waqt laqgha li kellu mal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu li matulha kienet giet diksussa l-proposta li kien ressaq il-Kunsill Lokali sabiex issir *Tourist Information Office* fi Triq l-Arzell. Is-Sindku semma kif l-Awtorita' ghat-Turizmu kienet uriet it-thassib taghha rigward il-post propost mill-Kunsill Lokali, minkejja li kien hemm qbil illi tali ufficcju kien bzonnjuz fil-lokalita'. Huwa zied jghid illi kien ressaq talba sabiex jigu kkunsidrati l-possibilitajiet illi l-ufficcju ta' informazzjoni isir fil-binja tat-Torri Vendome li kien jinstab f'Xatt is-Sajjieda jew fi struttura li tinbena appositament biswit latrina pubblika fiz-zona tal-maghluq.

38/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien baghat e-mail lill-Principal Permanent Secretary sabiex jistaqsi jekk kienx hemm xi zviluppi rigward proposti li kien ghamel il-Kunsill Lokali waqt zjara li kienet saret mill-kabinett f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi minbarra li tibqa' tigi segwita l-materja, tintbaghat ittra lill-Onorevoli Konrad Mizzi rigward il-pjan ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost ghal-lokalita'.

**38/04** **<u>Korrispondenza</u>**

38/04/01 Permezz ta e-mail datat 12 ta' Mejju 2014, Peter Gingell f'isem l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar informa lill-Kunsill Lokali b'*Policy and Design Guidance* li kienet thehdiet rigward cimiterji.
Is-Segretarju Ezekuttiv semma kif din il-materja kienet diga' giet diskussa f'seduta precedenti u l-Kunsill Lokali kien baghat il-kummenti tieghu lill-MEPA.

38/04/02 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Gunju 2014 is-Sa. Maria Alda Vella f'isem is-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Onor. Stefan Buontempo kien ser jaghmel zjara uffiejali fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bil-ghan illi jiltaqa' mal-membri u l-amministrazzjoni.

38/04/03 Permezz ta' ittra datata 10 ta' Gunju 2014, l-Ghaqda Muzikali Pompei talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi nhar is-Sibt 2 u l-Hadd 3 t'Awissu Triq il-Kajjik tinghalaq ghat-traffiku minhabba attivitajiet li jkunu ghaddejjin b'konnessjoni mal-festa tar-rahal.
Kien hemm diskussjoni qasira li matulha kien hemm qbil unanimu illi hekk kif sehh fil-passat triq il-Kajjik kellha tinghalaq ghat-traffiku ghall-jumejn imsemmija.

38/04/04 Permezz ta' ittra datata 10 ta' Gunju 2014, is-Sur Michael Psaila f'isem l-Ghaqda Muzikali Pompei talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex l-istess ghaqda tkun tista' tarma bar fi Triq il-Kajjik nhar il-Hadd 3 t'Awissu 2014, f'hin li t-triq tkun maghluqa ghat-traffiku.
Kien hemm diskussjoni li matulha gie stabbilit illi permess simili kien jinhareg kull sena fil-gurnata tal-festa tar-rahal u qatt ma inqalghu problemi. Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba in-kwistjoni.

38/04/05 Permezz ta' ittra datata 28 ta' Mejju 2014, il-Kunsill Lokali talab lill-kap tal-iskola primarja tikkunsidra l-possibilita' illi toffri post fl-istess skola sabiex ikun jista' jintuza bil-ghan illi b'kollaborazzjoni mal-korporazzjoni ghax-xoghol u t-tahrig ikun jista' jittella' programm ta' taghlim bl-isem *Outreach*.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ghadha ma waslet ebda risposta ghat-talba msemmija. Kien hemm qbil illi kellu jintbaghat *reminder* lill-iskola primarja b'kopja tal-ittra tintbaghat lill-Ministeru kkoncernat.

38/04/06 Permezz ta' ittra datata 10 ta' Gunju 2014, l-ghaqda Muzikali Pompei talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi bi shubija bejn iz-zewg partijiet jittella' programmVokali/Strumentali. L-istess ghaqda ipproponiet illi kemm il-darba jintlehaq qbil il-programm kellu jittella' nhar il-Hamis 31 ta' Lulju 2014.
Wara diskussjoni libera li matulha gie diskuss il-fatt illi programm simili kien ittella' b'success bil-kollaborazzjoni taz-zewg partijiet matul l-2012 u l-2013, is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jilqa' l-proposta li kienet saret mill-Ghaqda Muzikali Pompei u ppropona illi tigi vvotata s-somma ta' €600 ghall-attivita' msemmija. Is-Sur Edric Micallef issekonda il-proposta li ghaddiet b'erba'(4) voti favur u vot wiehed (1) kontra.

38/04/07 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Mejju 2014, Dr.Angelo Micallef esprima d-dizappunt tieghu ghal e-mail li kien intbaghat mis-Sur Ray Abela f'isem TCTC u li permezz tieghu l-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi genituri ta' tfal minn Marsaxlokk ma kienux ser jigu accettati ghal korsijiet imtella' mit-TCTC f'lokalitajiet tal-madwar.

38/04/08 Permezz ta' e-mail datat 27 ta' Mejju 2014, is-Sur Paul Refalo f'isem AFS Ltd. informa lill-Kunsill Lokali illi l-giebja li kienet isservi bhala reservior ghal funtana li kien hemm fi Pjazza Madonna ta' Pompei kien qieghed inixxi l-ilma bil-konsegwenza illi kellha tintefa l-funtana nnifisha.
Kien hemm qbil illi kellu jsir kuntatt mal-Perit Joseph Zerafa Boffa li kien il-perit reponsabbli mix-xogholijiet li kienu saru f'Xatt is-Sajjieda, inkluz il-giebja, sabiex ikunu jistghu isiru t-tiswijiet mehtiega sabiex il-funtana tkun tista' terga' tinxteghel.

38/04/09 Ittra datata 29 ta' Mejju 2014, is-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni li kienet saret sabiex jinkisbu fondi ghal xiri ta' kotba ghal-librerija tal-lokalita' (memo 04/2014) kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien ser jinghata s-somma ta' €600.

38/04/10 Permezz ta' e-mail datat 23 ta' Mejju 2014, is-Sur Alfred Falzon informa lill-Kunsill Lokali bi problema ta' skart domestiku li kien qieghed jigi mormi illegalment quddiem proprjeta' tieghu li kienet tinstab fi Triq Santa Katerina. Is-Sur Falzon ippropona illi sabiex tissolva l-problema jitnehhew qsari li kien hemm biswit l-istess proprjeta', tigi infurmata l-pulizija u titwahhal CCTV *camera*.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi kellha tigi infurmata l-pulizija u titwahhal tabella sabiex ma jigix mormi skart fis-sit. Kien hemm qbil ukoll illi l-qsari ma kellhomx jitnehhew u li l-Kunsill Lokali ma kellux iwahhal CCTV *camera* hekk kif propost.

38/04/11 Permezz ta' ittra datata 20 ta' Mejju 2014, l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali infurmat lill-Kunsill Lokali b'permess li kien inhareg lill-istabbiliment 'IPLACE' sabiex ikunu jistghu jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istess stabbiliment li kien jinstab fi Triq il-Wilga.

38/04/12 Permezz ta' e-mail datat 28 t'April 2014, is-Sa. Borg Marie-Jeanne infurmat lill-Kunsill Lokali b'memo12/2014 li kienet tittratt skema ta' korsijiet *lifelong learning* ghall-2014.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi saz-zmien stipulat, il-Kunsill Lokali kien ghadu ma kkordinax l-arrangamenti mehtiega sabiex jittellghu il-korsijiet. Dan primarjament minhabba problemi ta' nuqqas ta' klassijiet li fihom setghu jittellghu il-korsijiet.

38/04/13 Permezz ta' stqarrija ghall-istampa datata 6 ta' Mejju 2014, il-Kunsill Lokali kien habbar illi l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali kien inghata direttiva sabiex ma jibqax jigbor l-iskart li kien jigi ggenerat minn stabbilimenti kummercjali.

38/04/14 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Gunju 2014, is-Sa. Marcella Agius f'isem Green MT, infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-bring-in-site ta' Triq it-Trunciera kienet qieghda tigi abuzata regolarment u ssuggeriet li l-istess bring-in-site titnehha kompletament filwaqt li l-kontenituri ta' bring-in-site li kien hemm fi Triq Axtart jinbidlu minn domes ghal bin-on-wheels.
Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali ma qabel mal-ebda proposta li saret minn Green MT.

38/04/15 Permezz ta' ittra datata 2 ta' Mejju 2014, il-Kunsill Lokali ta' struzzjonijiet lill-kuntrattur tal-ghir ta' skart domestiku (V&A Services) sabiex b'effett immedjat jara illi minn Marsaxlokk ma jibqax jingabar l-iskart li kienu jiggeneraw stabbilimenti kummercjali.

38/04/16 Permezz ta' ittra datata 12 ta' Mejju 2014, il-Kunsill Lokali informa lis-Sa. Andreina Fenech Farrugia f'isem id-Dipartiment ghas-Sajd u Akkwakultura b'manutenzjoni urgenti li kienu jinhtiegu l-parati tal-iskalien li kien hemm matul Xatt is-Sajjieda.
Wara diskussjoni qasira, u in-vista tal-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda risposta, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat e-mail dwar il-materja lill-Onor Roderick Galdes. Gie deciz illi l-Onor. Galdes kellu jkun infurmat ukoll bi kwistjoni dwar kontijiet tad-dawl u ilma li kellhom jithallsu mill-istess Dipartiment ghas-Sajd u li ghal xi raguni kienu ghadhom pendenti.

38/04/17 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Mejju 2014, is-Sur Kevin Borg f'isem l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli Lokali illi l-istess assocjazzjoni kienet hatret working group bil-ghan illi tevalwa l-ligi tal-Kunsilli Lokali u l-operat tal-Kunsilli Lokai u jghaddi rakkomandazzjonijiet rigward emendi li jistghu jidhlu.

38/04/18 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Mejju 2014, is-Sa Camilleri Aquilina Isabella infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ma kellu ebda problema kemm il-darba l-kumpanija AID Ltd. tigi aggudikata sejha ghall-kwotazzjonijiet li kienet inharget mill-Kunsill Lokali dwar installazzjoni ta' apparat ghal live streaming ta' seduti tal-Kunsill Lokali. Dan dment illi jigi installat apparat konformi mal-ispecifici stabbiliti fis-sejha.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi b'konnessjoni ma' dan l-email l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet infurmat lil AID Ltd. li min-naha taghha kienet hadet hsieb tibda l-installazzjoni tal-apparat.

38/04/19 Permezz ta' ittra datata 2 ta' Mejju 2014, il-Kunsill Lokali informa lill-Kummissarju tal-Artijiet illi kien bi hsiebu jissottometti applikazzjoni lill-Awtorita' Maltija ghall-

Ambjent u l-Ippjanar sabiex sit minghar uzu fi Triq l-Arznell jigi mibdul f'*Tourist Information Office*.

38/04/20 Permezz ta' e-mail datat 29 t'April 2014, is-Sur Saviour Attard Bezzina, residenti fi Triq il-Port Ruman talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi isiru *double yellow lines* mal-gnub ta' garaxx li ghandu fl-istess triq peress li kien qieghed isib problemi biex johrog bil-vettura tieghu kawza ta' vetturi li jkunu pparkjati b'mod abuziv.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi t-talba li kien ressaq is-Sur Attard Bezzina kellha tintbaghat lil Transport Malta.

38/04/21 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Mejju 2014, l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokal infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser issir laqgha ghall-Kunsillieri ta' Malta u Ghawdex nhar is-Sibt 21 ta' Gunju 2014.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsilliera prezenti illi s-Sinjuri Steven Grech u Stephen Caruana kienu ser jattendu ghall-imsemmija laqgha.

38/04/22 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Mejju 2014, Fr. Mario Magion talab lill-Kunsill Lokali jaghmel tabelli sabiex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi fiz-zona li fiha kien ser isir pellegrinagg nhar il-Hamis 8 ta' Mejju 2014. Fl-istess waqt, Fr.Mangion talab lill-Kunsill Lokali jevlawa l-possibilita' illi jitkompla fence tal-injam li kien hemm biswit il-knisja parrokkjali sabiex titnehha l-possibilita' illi jitpoggew imwejjed u siggijiet fiz-zona.

38/04/23 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Mejju 2014 u indirizzat lill-Onor. Stefan Buontempo, is-Sur Edric Micallef, filwaqt li sahaq li kien wiegeb ilment li kien dahal rigward skart li kien qieghed jithalla matul xatt is-Sajjieda minn sidien ta' stabbilimenti u bejjiegha tas-Suq fil-berah, talab illi l-Awtoritajiet sabiex jghinu lill-Kunsill Lokali fil-materja.

38/04/24 Permezz ta' e-mail datat 19 ta' Mejju 2014, is-Sa. Natasha Livori talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex isir bake sale biswit il-bandli tal-maghluq fi Triq Xatt is-Sajjieda bil-ghan illi jingabru fondi b'risq il-moviment Missjunarju Gesu fil-proxxmu of Dun George Grima. Is-Sa. Livori sahqet illi ghall-attivita' kienu diga' inkisbu l-permess mill-pulizija.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sa Livori.

38/04/25 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Gunju 2014, is-Sur Saviour Ellul f'isem Transport Malta informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg il-permess ta' Transport Malta sabiex jigu installati *earth electrodes* f'toroq b'konnessjoni ma' gabbani u kiosks li jintramaw fi zmien il-festi.

38/04/26 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Mejju 2014, is-Sur Peter Gingell f'isem l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsilli Lokali illi l-istess Awtorita' kienet harget *policy and deisgn guidance* rigward cimiterji.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi s-suggett kien diga' gie diskuss fis-seduta precedenti u l-Kunsill Lokali kien baghat il-kummenti tieghu lill-MEPA dwar il-materja.

38/04/27 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Gunju 2014, is-Sa. Carmen Scicluna talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi gewwa l-librerija tal-lokalita' jitteIlghu sessjonijiet

ta' storytelling hekk kif sehh fi snin passati. Fl-istess waqt is-Sa. Scicluna talbet illi ghax-xhur tas-sajf, is-Sa. Jessica Caruana tkun tista' taghmel xi ftit sieghat isservi bhala assistant librarian.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' z-zewg talbiet tas-Sa. Scicluna. Madanakollu, gie stabbilit illi l-ispiza relatata maz-zewg attivitajiet ma' kelliex teccedi s-somma ta' €200 fix-xahar.

38/04/28 Permezz ta' e-mails datati 3, 16 u 24 ta' Mejju 2014, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali b'applikazzjonijiet ta' zvilupp godda li kenet irceviet.
Wara li gew ezaminati l-applikazzjonijiet, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet sottomessi.

38/04/29 Permezz ta' e-mail datat 3 ta' Gunju 2014, is-Sur Mark Zammit f'isem AIS Environment Ltd. talab il-Kunsill Lokali jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu fil-konfront tal-'*Covenant of Mayors*'
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-imsemmi ftehim kien jikkonsisti fi qbil volontarju bejn numru ta' Kunsilli Lokali fl-ewropa bil-ghan illi jintlehqu l-miri stabbiliti permezz tal-*EU Climate and Energy Package* ( tnaqqis fil-*carbon dioxide*, zieda fl-uzu ta' sorsi ta' *renewable energy* ecc). Kien hemm diskussjoni dwar il-materja u finalment intlehaq qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm id-decizjoni li kien ha fis-snin imghoddija u cioe' illi ma jkunx jifforma parti mill-imsemmi ftehim.

**38/05** **<u>Sotto -Kumitat Zghazagh, Kultura u Sport</u>**

38/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-membri tas-Sotto-Kumitat kienu gew mistiedna jattendu ghas-seduta sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali jzommu diskussjoni dwar materji relatat mal-istess Sotto-kumitat u jigi stabbilit liema attivitajiet futuri l-istess Sotto-Kumitat seta' jiehu hsieb jorganizza. Huwa zied jghid illi kien gie infurmat illi minhabba impenji ohra l-ebda membru tas-Sotto-Kumitat ma seta' jattendi ghas-seduta.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-materja kellha tigi diskussa flimkien mal-membri tas-Sotto-Kumitat imsemmi fis-seduta segwenti.

**38/06** **<u>Gabbani ghall-festa 2014</u>**

38/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien jinhtieg li tibda' tahdem fuq il-permessi ghall-gabbani u kiosks tal-festa ghall-2014. Ghal dan il-ghan huwa talab illi tittiehed decizjoni dwar il-materja. Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, fis-snin imghoddija il-gabbani dejjem tpoggew fi Triq Xatt is-Sajjieda ( il-parti tal-maghluq ) u qatt ma holqu problemi. Ghaldaqstant huwa kien tal-fehma illi l-permessi kellhom jinhargu bhall-passat.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-parir tas-Sindku.
Is-Sur Steven Grech qal illi s-sur Hermann Schiavone, sid ta' stabbiliment tal-ikel fi Pjazza Madonna ta' Pompei, kien kellmu rigward il-possibilita' illi ghall-granet tal-festa, u peress illi l-Kunsill Lokali jimponi certi restrizzonijiet fuq l-imwejjed u s-siggijiet, jithalla jarma imwejjed u siggijiet fil-parti ta' Triq ix-Xatt li tahbat biswit l-ghajn tal-hasselin. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi sakemm ma jitpoggewx umbrelel, il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-proposta' tas-Sur Schiavone. Fir-rigward, kien deciz ukoll illi kellhom jigu analizzati

eventwali talbiet minn sidien ta' stabbilimenti ohra li joperaw mill-istess Pjazza Madonna ta' Pompei.

**38/07** **Lista ta' works orders/purchase orders**

38/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works orders/purchase orders mahruga mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Mejju 2014.

37/11/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill unanimament approva l-lista imsemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**38/08** **Lista ta' Petty Cash**

38/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Mejju 2014

38/08/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Carmelo Bugeja, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**38/09** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

38/09/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 06/2014) ghall-approvazzjoni.

38/09/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**38/10** **Affarijiet ohra**

38/10/01 *Mozzjoni numru 03/2014(VI)*
Mozzjoni numru 03/2014(VI)
Nipproponi li l-Kunsill Lokali japplika ghal skema ta' ghajuna finanzjarja li tikkonsisti Frimbors ghal internet connectionb'konnessjoni ma' streaming ta' seduti tal-Kunsill Lokali online
Mozzjoni : Carmelo Bugeja
Sekondant : Angelo Micallef
Il-mozzjoni gie unanimament approvata mill-Kunsill Lokali wara li ttiehdet votazzjoni.

38/10/02 *Hlasijiet tal-kont tal-GO plc*
Is-Sur Steven Grech qal illi kienu avvicinawh diversi nies li kienu staqsewh ghaliex il-Kunsill Lokali kien waqaf jircievi hlasijiet tal-kontijiet tal-GO plc. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Grech u lill-Kunsillera prezenti illi kienet decizjoni ta' GO plc innifisha illi jitwaqqfu l-hlasijiet tal-kontijiet. Huwa zied jghid illi d-decizjoni ma kenitx applikabbli ghal Marsaxlokk biss izda ghal kull Kunsill li kien jircievi tali hlasijiet. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tintbaghat ittra lill-Ministru responsabbli sabiex kemm il-darba ikun possibbli s-servizz jerga' jibda' jinghata mill-Kunsill Lokali

38/10/03 *Fortizza ta' Delimara*

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-fortizza ta' Delimara kellha potenzjal ta' attrazzjoni kemm ghall-Maltin kif ukoll ghat-Turisti kemm il-darba tigi rigenerata. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu l-inizjativa illi jitlob id-devoluzzjoni tal-istess fortizza sabiex imbaghad ikun jista' jsib imsiehba mis-settur privat illi flimkien mal-Kunsill Lokali jidhlu ghar-rigenerazzjoni tas-sit. Is-Sur Edric Micallef semma kif fost l-ohrajn parti mill-fortizza setghet isservi ghal skopijiet kummercjali filwaqt illi fl-istess hin jigi promoss l-aspett storiku tal-post. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jniehdi process sabiex jigi stabbilit lil min kienet tappartjeni l-imsemmija proprjeta' u kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali jibda' jahdem fuq il-proposta' li kien ressaq is-Sindku.

**34/13 Aġġornament**

34/13/01 Is-Seduta spiccat minghajr l-ezawriment tal-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 16 ta' Lulju 2014

______________________

**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

______________________

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: ____________________

Kunsill Lokali Marsaxlokk (Legislatura nru 6)

Seduta Nru. 38

<u>Mozzjoni Numru 03/2014 (VI)</u>

Nipproponi illi l-Kunsill Lokali japplika ghal skema ta' ghajnuna finanzjarja li tikkonsisti f'rimbors ghal internet connection b'konnessjoni ma' streaming ta' seduti tal-Kunsill Lokali online

Proponent

Sekondant

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 20/05/14 sa 17/06/2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | JM Vassallo Vibro Steel Ltd | €191.75 | €191.75 | D | PF | Material for Gnien tal-Magħlu | 12/6/14 | 83126 | 974 | 1394 | | 8130 |
| 42 | G4S Security Services Ltd. | €42.48 | €42.48 | D | PF | Cash collection for May 2014 | 11/6/14 | INV36974 | N/A | N/A | | 8129 |
| 43 | Ronald Bezzina SSS | €1,781.25 | €1,781.25 | T | PF | Street sweeping for April 2014 | 30/04/14 | 43 | N/A | N/A | | 8128 |
| 44 | Ronald Bezzina SSS | €1,781.25 | €1,781.25 | T | PF | Street Sweeping for May 2014 | 30/05/14 | 13/02/00 | N/A | N/A | | 8128 |
| 45 | Ronald Bezzina SSS | €249.00 | €249.00 | T | PF | Bulk refuse collection for November 2013 | Novembru 2013 | inv01 | N/A | N/A | | 8128 |
| 46 | Ronald Bezzina SSS | €282.00 | €282.00 | T | PF | Bulk refuse collection for December 2013 | Dicembru 2013 | inv02 | N/A | N/A | | 8128 |
| 47 | Ronald Bezzina SSS | €234.00 | €234.00 | T | PF | Bulk refuse collection for January 2014 | Jannar 2014 | inv03 | N/A | N/A | | 8128 |
| 48 | Ronald Bezzina SSS | €255.00 | €255.00 | T | PF | Bulk refuse collection for February 2014 | Frar 2014 | inv04 | N/A | N/A | | 8128 |
| 49 | Ronald Bezzina SSS | €297.00 | €297.00 | T | PF | Bulk refuse collection for March 2014 | Marzu 2014 | inv05 | n/a | N/A | | 8128 |
| 50 | Duncan Hall | €79.70 | €79.70 | D | PF | Reimbursement foruse of personal transport | 17/06/14 | req06/2014/dh | N/A | N/A | | 8131 |
| 51 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | PF | Maintenance & support of WAC | 13/03/13 | mjlg/pr/36 | N/A | N/A | | 8132 |
| 52 | Silvar Construction & Serv. | €1,150.00 | €1,150.00 | D | PF | Works on trench at Triq il-Port Ruman | 16/06/14 | INV19/14 | 976 | 1396 | | 8133 |
| 53 | J.J. Ironmongery | €41.46 | €41.46 | D | PF | Ironmongery | 12/06/14 | 28/08/53 | 975 | 1395 | | 8135 |
| 54 | PC Options ltd. | €407.82 | €407.82 | D | PF | Toners for printers | 13/06/14 | IP4131107 | 978 | 1398 | | 8136 |
| 55 | Valley Pet Shop | €29.80 | €29.80 | D | PF | Rodent ILT | 16/06/14 | 56 | 981 | 1402 | | 8137 |
| 56 | Cash | €100.00 | €100.00 | D | PF | Petty cash | n/a | n/a | N/A | N/A | | 8138 |
| 57 | Anthony Vella | €980.00 | €980.00 | D | PF | Works on trench at Triq il-Port Ruman | 16/06/14 | n/a | 977 | 1397 | | 8134 |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **8319.36** | **€8,319.36** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **115534.9** | **€115,534.90** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **123854.26** | **€123,854.26** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 38**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Purchase Orders and Purchase Request for May 2014**

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1359 | 939 | 02/05/2014 | Carabott Florist | Bukkett Fjuri | Funeral | € 25.00 | 28 |
| 1360 | 940 | 02/05/2014 | Jason Gauci | Newspaper and Supplies | Office | € 139.40 | 28 |
| 1361 | 941 | 05/05/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghall-Van | Van | € 57.00 | 28 |
| 1362 | 942 | 05/05/2014 | Nazzareno Camilleri | Skip Hire | Tindif | € 70.00 | 28 |
| 1363 | 943 | 06/05/2014 | JJ Ironmongery | Various Supplies | General Use | Not Inv. | 28 |
| 1364 | 944 | 07/05/2014 | Koptaco Coaches | 53 Seater Coach | Harga Bird Park | € 100.30 | 28 |
| 1365 | 945 | 07/05/2014 | Sea Coast | Daily Supplies | Office | € 194.51 | 28 |
| 1366 | 946 | 08/05/2014 | Anglu Grech tal-Milord | 3 yardi Konkos | Bankina Redentur | € 198.24 | 28 |
| 1367 | 947 | 08/05/2014 | Cleaning Services Directorate | Re-Open of Public Convenience | 8 ta' Mejju | € 10.00 | 28 |
| 1368 | 948 | 08/05/2014 | Ghaqda Muzikali Santa Marija | Marc | Fireworks Fest. | € 600.00 | 28 |
| 1369 | 949 | 12/05/2014 | F.Caruana (Caruana Bros) | Diesel ghall-Van | Diesel | € 44.17 | 28 |
| 1370 | 950 | 13/05/2014 | Beta Centre - Fgura | Paint for Gnien il-Familja | Gnien Familja | € 32.76 | 28 |
| 1371 | 951 | 13/05/2014 | JJ Ironmongery | Various Supplies | Gnien Familja | Not Inv. | 28 |
| 1372 | 952 | 13/05/2014 | C-Planit IT Solutions | PC Repairs | Office | Not Inv. | 28 |
| 1373 | 953 | 14/05/2014 | CANCELLED | CANCELLED | CANCELLED | CANCELLE D | 28 |
| 1374 | 954 | 14/05/2014 | Anglu Grech tal-Milord | 3 yardi Konkos | Maghluq | € 227.74 | 28 |
| 1375 | 955 | 14/05/2014 | Koptasin | 2 arrow signs | Centre Strip | Not Inv. | 28 |
| 1376 | 956 | | | | | | 28 |
| 1377 | 957 | 19/05/2014 | Beta Centre - Fgura | Paint for Gnien il-Familja | Gnien Familja | € 32.76 | 28 |
| 1378 | 958 | 19/05/2014 | F.Caruana (Caruana Bros) | Diesel ghall-Van | Diesel | € 42.60 | 28 |
| 1379 | 959 | 19/05/2014 | RMS Ltd | Construction of Room at Bandli Maghluq | Bandli Maghluq | € 1,110.00 | 28 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1380 | 960 | 22/05/2014 | JJ Ironmongery | 4 Robolts | Pugaman | Not Inv. | 28 |
| 1381 | 961 | 23/05/2014 | JJ Ironmongery | 50m pipe / 4 Jubilee Clips | Gonna | Not Inv. | 28 |
| 1382 | 962 | 26/05/2014 | JJ Ironmongery | 3 Cement | Pjazza | € 22.95 | 28 |
| 1383 | 963 | 26/05/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal-Van | Diesel | € 49.30 | 28 |
| 1384 | 964 | 26/05/2014 | Rosello Cassar | 12 PVC Signs | Bandli Maghluq | € 180.00 | 28 |
| 1385 | 965 | 27/05/2014 | I.V Portelli | Varoius plumbing fittings | Gonna | € 34.00 | 28 |
| 1386 | 966 | 28/05/2014 | JJ Ironmongery | Various plumbing fittings | Bathroom | € 10.00 | 28 |
| 1387 | 967 | 30/05/2014 | Beta Centre - Fgura | Paint for Gnien il-Familja | Gnien Familja | € 32.76 | 28 |

Approved on ____________________

Edric Micallef
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

# Petty Cash for May 2014

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PC043/2014 | Emanuel Farrugia | Net bags for cleanup act (X50) | 06/05/2014 | -€ 20.00 |
| PC044/2014 | Pompei Pharmacy | Plastic gloves & Medicine | 06/05/2014 | -€ 11.10 |
| PC045/2014 | T.M. Ironmongery | Wire Brush | 06/05/2014 | -€ 3.00 |
| PC046/2014 | Maltapost plc | Registered letter | 06/05/2014 | -€ 1.16 |
| PC047/2014 | F.Caruana Bros | Sand for playing field (maghluq | 21/04/2014 | -€ 6.76 |
| PC048/2014 | Schembri Concrete Blocks | kurduna | 07/05/2014 | -€ 4.00 |
| PC049/2014 | C&T Giftshop | Curtain for bathroom | 08/05/2014 | -€ 6.25 |
| PC050/2014 | C&T Giftshop | Plastic Wrapping | 10/05/2014 | -€ 2.70 |
| PC051/2014 | Old Trafford stationery | Book for prize day + wrapping | 20/05/2014 | -€ 17.10 |
| PC052/2014 | Brittania Pharmacy | Bandages/panadols | 20/05/2014 | -€ 9.20 |
| | ***Petty cash Cheque No. 8091*** | | | € 100.00 |
| PC053/2014 | T.M. Ironmongery | Sand | 27/05/2014 | -€ 1.50 |
| PC054/2014 | T.M. Ironmongery | Drilling bit | 27/05/2014 | -€ 1.50 |

Approved on ____________________

____________________
Mayor

____________________
Executive Secretary